MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 158/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur A.P. Miruzzi)**

**Vs**

**Victor Sant**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:
1) ghan-nom u in rappresentanza ta’ K.C.V. Bakers Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att. fis-17 ta’ Settembru, 2000, ghall-habta tal-11.15 a.m. fil-hanut Hompesch Confectionery, Hompesch Road, Fgura, naqas jew hu jew

impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti u tipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51,77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;
2) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpuns lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;
3) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li zzomm kopji tal-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1 (g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma’ l-istess Att u l-Artikoli 76 (b) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 51, 76 (b), 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998 u l-partiti 1, 2 u 3 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 u l-partita 1(g) tat-Tnax-il Skeda li wkoll tinsab ma’ l-istess Att.

1) Evidentement inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dina l-akkuza;
2) Sabet lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ LM200 multa;
3) Sabet lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ LM150 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi filwaqt li tikkonfermha in kwantu l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel akkuza, u tirrevokha in kwantu sabitu hati tat-tieni u tat-tielet akkuza u kkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira (LM200) u mija u hamsin lira (LM150) rispettivament u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-Ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1 . li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi ; 2. illi l-appellant li hu wiehed minn erba (4) diretturi tas-socjeta' K.C.V. Bakers Co Ltd. tharrek wahdu , mentri l-akkuzi kellhom jinhargu fil-konfront tad-diretturi kollha w mhux kontra l-appellant biss , ghax dawn huma proceduri kriminali w mhux proceduri civili ; 3. illi ma jaghmilx sens li tigi imhammga l-fedina penali ta' Direttur wiehed biss sakemm ma jigix pruvat li l-akkadut gara unikament b'tort ta' dak id-direttur wiehed partikolari ; u fejn l-allegat agir jew ahjar min wettqu hu ncert , ma jkunx gust li ghandu jwiegeb direttur wiehed ; 4. illi l-appellant mexa b'diligenza ta' "bonus paterfamilias" u dejjem sahaq ma l-impjegati tieghu li kellhom johorgu ricevuta fiskali ; 5 illi l-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi .

Semghet ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza fil-kors tas-seduta tas-17 t'Ottubru, 2002 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tal-istess seduta ;

Rat il-verbal tal-istess seduta li fih din il-Qorti tat il-fakolta' lill-Prosekuzzjoni li jekk trid taghmel nota dwar l-implikazzjoni tas-sentenza citata mid-difiza bin-notifika lid-difensur .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 t'Ottubru,2002

Rat in-Nota tal-Appellant tas-26 ta' Novembru, 2002 u, ghalkemm giet prezentata minghajr il-permess ta' din il-Qorti u minghajr ma kienet inghat fakollta' lill-appellant li jipprezenta xi nota bhal din, din il-Qorti xorta wahda qieset il-gurisprudenza li giet bl-istess nota senjalta lilha mill-appellant ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum mid-data li ghaliha kienet differita u cioe' 16 ta' Jannar, 2003 ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni kienu s-segwenti :- Il-Vat Inspectors Temi Scicluna u Brian Debono fid-data imsemmija fic-citazzjoni u cioe' fis-17 ta' Settembru, 2000 ghall-habta ta' xil-11.15 a.m., waqt li kienu fuq inspection f' Hompesh Road, Fgura, osservaw minn barra li fil-hanut Hompesh Confectioner kien qed isir biegh bla ma kienet qed tinghata ricevuta bil-cash register u lanqas bl-ircevuta fiskali manwali minn certu Joseph Schembri li kien wara l-cash register. Kien hemm ragel li xtara flixkun imbid u meta huma staqswh ghar-ricevuta fiskali , dan qalilhom li ma kellux . Meta kellmu lil Joseph Schembri , dan qalilhom li l-cash register ma kienetx tiffunzjona u lanqas ma kellu l-ktieb tal-fiscar receipts biex jaghti ricevuti . Sadattant il-biegh baqa' jsir xorta wahda . Lanqas ma setghu jiskopru meta kienet inharget l-ahhar icevuta ghax lanqas kien hemm ir-romblu tal-journal fil-cash register li suppost ikun hemm. Dan Schembri kien qalilhom li hu ma kienx l-"owner" hemmhekk. Mir-ricerki li saru wara fid-Dipartiment irrizulta li kien l-appellant Victor Sant li kien applika biex is-socjeta' KCV Bakers Company Limited tigi registrata mall-VAT Department.

Illi rrizulta mix-xiehda in difeza ta' Dr. Vincent Galea li s-ocjeta' kellha erba diretturi w cioe' l-appellant , l-imsemmi Joseph Schembri, Kevin Camilleri w Christopher Attard u li Joseph Schembri kien gie mahtur direttur fil-5 ta' Lulju, 2000 u rrizenzja minn Direttur fit-22 ta' Mejju, 2002 u li l-appellant , Camilleri w Attard kienu d-diretturi originali .

L-appellant ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti w ovvjament lanqas ma xehed fl-istadju tal-appell.

Illi ma hemmx dubju li bhala fatti kien sar il-ksur tal-ligi kontemplat fit-tieni u ttielet akkuza dedotti kontra l-appellant . L-aggravju tal-appellant hu li ma kellux jirrispondi ghall-ksur tal-ligi huwa wahdu w li f'kull kaz huwa kien agixxa ta' bonus paterfamilias u dejjem sahaq mall-impjegati tieghu li kellhom johorgu r-ricevuta fiskali u li ma kienx jaf li l-persuna li kienet fil-hanut ma kienetx harget tali ricevuta.

Illi din il-Qorti ser tibda biex tiddisponi minn dan l -ahhar aggravju . Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Scerri" [30.3.00] , li kien jittratta ksur tal-ligi identiku pero' taht l-Att XII tal-1997 , "meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir - f'dan il-kaz ma nghatatx ricevuta - minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata , ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata , pero' , tista' tezimu ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABBILITA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza regonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas , jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas ." Mela il-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi u dan almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga jew fejn hu jaghzel li jipprova xi haga. Dan il-kriterju gie addottat bl-istess kliem fid-dispozizzjoni tas-subartikolu (1) tal-artikolu 82 ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap.406) citat mill-istess appellant odjern.

Issa f'dan il-kaz mhux biss l-appellant ma ghamilx prova sal-grad tal-probabbilta' ta' dan kollu, izda lanqas biss ghamel bidu ta' prova ghax ghazel , kif kellu dritt li jaghazel li ma jixhidx. Ghalhekk hu ovvju li l-appellant ma jistax jezimi ruhu taht xi wahda mic-cirkostanzi imsemmija

f’dan l-art. 82 (1) ghax huwa ma gabx prova tieghu mentri l-ligi tipprovdi tali skuzanti “jekk huwa jgib prova..” Ghalhekk dan l-aggravju hu manifestament infondat .

Illi l-appellant pero’ ghamel ukoll riferenza ghas-sentenzi ta’ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawzi “Il-Pulizija vs. Saviour Vincent Lofaro” [ 14.6.1982]; “Il-Pulizija vs. Joseph Sciberras “ [26.5.2000] u “Il-Pulizija vs. Emmanuel Tonna” [9.3.2001] biex javalla t-tezi difensjonali tieghu li tinsab fl-aggravvju indikat bl-ittra (g) . Illi l-ahhar zewg kawzi pero’ ma ghandhom ebda rilevanza ghall-kaz in ezami ghax hawn si trattava ta’ halib li thalla barra fuq il-bankina meta l-hanut kien maghluq mid-distributur tal-istess halib li ovvjament id-detentur tal-licenzja tal-hanut ma kellu ebda kontroll fuqu , fattispecji dawn li ma ghandhom x’jaqsmu xejn mall-kaz odjern u f’kull kaz ir-reati kontemplati f’dawn iz-zewg sentenzi kienu jaqghu taht ligi specjali ohra li m’ghandhiex l-istess dispozizzjonijiet li jirrigwardaw ir-responsabbilta’ vikarja li ghandhu l-Kap . 406 li tahtu jinsab akkuzat l-appellant. Il-principju li jemergi mill-ewwel sentenza li ghandu xi rilevanza ghall-kaz odjern kien li l-argument li kien ressaq l-appellant f’dik il-kawza u cioe’ li ghandha tigi mharrka dik il-persuna li materjalment tkun bieghet u mhux jigi akkuzat il-persuna li lilu tkun tghajjat il-licenzja tal-hanut li ma jkollu x’jaqsam xejn u li bhal f’dal kaz lanqas kien prezenti fil-hanut waqt il-biegh MHUX VALIDU (emfasi ta’ din il-Qorti). Di fatti dik il-Qorti kienet irriteniet li fil-kamp tal-kontravennzjonijiet il-licensee hu kriminalment responsabbli ghal dak li jigri fil-hanut . Biex jehles minn din ir-responsabbilta’ irid jigi pruvat ghas-sodisfazzjon tal-gudikant li hu kien fl-impossibilita’ assoluta li jissorvelja dak li jkun gara, pero’ ma jista’ jibbenefika minn ebda skuzanti ohra. Issa kif diga’ ntqal, l-appellant f’din il-kawza ma pprova assolutament xejn minn dan , apparti li l-ligi tal-VAT timponi responsabbilta’ fuqu b’mod specifiku kif fuq intqal u hawn non si tratta ta‘ reati ta‘ natura kontravvenzjonali. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti din il-gurisprudenza citata mill-appellant ma tistax tghin il-kaz tieghu f’dan l-appell.

Illi dwar l-aggravju principali jintqal li l-artikolu fuq citat li jipprovdi ghal xi ksur tal-ligi minn korp ta' persuni , bhal ma hi indubbjament socjeta' kummercjali , d-dispozizzjonijiet ta' dik it-Taqsima partikolari tal-ligi japplikaw "bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir minn KULL DIRETTUR , MANAGER , JEW UFFICJAL PRINCIPALI IEHOR TA' DAK IL-KORP TA' PERSUNI ." (emfasi ta' din il-Qorti) . Ta' min jinnota li l-ligi ma tghidx "id-Diretturi kollha" imma "kull Direttur" , igifieri kull wiehed "uti singoli" jirrispondi ghall-ksur tal-ligi indipendentement minn diretturi u /jew managers u ufficjali ohrajn . Din id-dicitura ovvjament tfisser li l-proceduri w l-prosekuzzjoni jtistghu jigu istitwiti kontra kull direttur individwali , anki jekk ma jittiehdux kontra diretturi w ufficjali ohrajn. Hu veru li jista' jidher odjuz li jsir dan pero' din il-Qorti l-kaz tal-appellant ghandha quddiemha w tal-appellant biss u mhux tenuta toqghod tara jekk l-awtoritajiet ipprocedewx kontra d-diretturi kollha jew kontra diretturi ohrajn ghax dan ma jaqax taht il-funzjoni ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti ghandha biss il-funzjoni li tara rrizultawx il-fatti allegati li fuqhom hija bazata l-akkuza; jekk l-akkuzat trattandosi ta' korp ta' persuni, kienx wiehed mill-persuni li l-istess ligi titfa' responsabilta' vikarja fuqhom , u f'kaz li dan jirrizulta kif rrizulta ukoll f'dan il-kaz, jekk l-appellant gabx il-prova ta' xi wahda mill-iskuzanti li tezimih mir-respinsabbilta kriminali - haga li kif gja intqal ma saritx.

Illi umbaghad anki taht l-Interpretation Act (Kap. 249) l-artikolu 13 jiddisponi li :-

"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f' xi Att , li jkun ghadda sew qabel

jew wara dan l-Att , isir minn korp jew ghaqda ta' persuni ,sew jekk tkun persuna guridika

jew le KULL (emfasi ta' din il-Qorti ) persuna li fil-hin tal-eghmil tar-reat , kienet DIRETTUR

(emfasi ta' din il-Qorti) ...tal-korp jew ghaqda , jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga,

tkun hatja ta' dak ir-reat ..."

Illi anki hawn ir-referenza hija ghal kull direttur individwali fis-singular u dan isir responsabbli kriminalment

indipendentement minn x'jigri lill-diretturi jew ufficjali ohrajn u jekk dawn jigux prosegwiti jew le.

Illi l-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qortri diversament preseduta tal-10 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" . Din il-Qorti fliet l-imsemmija sentenza w ghalkemm studjat b'attenzjoni l-import taghha, bir-rispett kollu ma taqbilx li din tista' tagevola lill-appellant f' dan l-aggravju tieghu. Ibda biex din kienet qed tittratta ligi specjali ohra w cioe' l-Att VII tal-1994 u kienet qed tinterpreta din il-ligi specjali li ghandha dicitura differenti minn dik tal-ligi hawn mertu tal-kawza odjerna. Meta dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni hemm raggunta kienet qed tara xi tfisser fid-"defenition clause" ta' dik il-ligi l-espressjoni "min ihaddem" u fejn din l-espressjoni hija definita bhala li "tinkludi d-diretturi, managers , socji , proprjetarji jew kull persuna ohra responsabbli ghall-management jew tregija ta' l-azjenda". Dik il-Qorti qalet li dak l-Att "ma jitkellimx fuq direttur jew xi wiehed mid-diretturi . Il-Qorti taqbel ghalhekk li l-appellant ghandu ragun jghid li l-akkuzi kellhom johorgu mhux kontrih biss , izda fil-konfront tad-diretturi kollha." Imma kif diga intqal minn din il-Qorti , din il-Qorti diversament preseduta kienet qed thares lejn l-import ta' ligi specjali ohra li mhux il-ligi tal-VAT . Aparti dan , din il-Qorti ma taqbilx bir-rispett ma dak li ntqal "obiter" aktar 'l isfel b'dik is-sentenza fejn iddistingwiet bejn proceduri civili u dawk penali u zgur li ma thossx li dawn jista' jkollhom xi valur ta' precedent li ghandu jigi segwit f'kazijiet bhal dawn ta' natura fiskali , fejn il-ligi trid li KULL direttur w ufficjal ta' korp ta' persuni jkun responsabbli singolarment u indipendentement minn dak li jigri lil diretturi w ufficjali ohra tal-istess korp.

Ghalhekk anki dan l-ilment ma jreggix u qed jigi respint .

L-appellant jilmenta l-piena kienet wahda eccessiva . Illi l-piena applikabbli skond il-ligi ghall-ksur tal-ligi kontemplat fit-tieni imputazzjoni taht l-art. 77 (a) u (e) tal-Att XIII tal-1998 kienet ta' multa ta ' mhux inqas minn LM150 u mhux izjed minn LM1000 u dik kontemplata ghall-ksur tat-tielet imputazzjoni fl-art. 76 (b) kellha minimu ta' multa ta'

LM100 u massimu ta' LM300. Ghalhekk ma jidhirx li l-multa' ta' Lm200 li ghaliha l-appellant gie kundannat ghat-tieni akkuza u dik ta' LM150 li ghaliha gie kundannat ghat-tielet akkuza hija b'xi mod eccessiva. Ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi respint .

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur

12.12.02